2025/2378

21.11.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2378

tal-21 ta' Ottubru 2025

li taħtar żewġ membri u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Latvja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Latvjan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra s-Sur Aivars OKMANIS u s-Sur Dainis TURLAIS saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Justine PANTEĻĒJEVA, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Jānis ROZENBERGS bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti.

(6) Il-Gvern Latvjan ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030: Is-Sinjura Mairita LŪSE, *Deputāte, Rīgas dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill tal-belt ta' Riga), u s-Sur Jānis ROZENBERGS, *Deputāts, Cēsu novada pašvaldības dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Cesis).

(7) Il-Gvern Latvjan ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030: Is-Sur Edgars IKSTENS, *Deputāte, Rīgas dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill tal-belt ta' Riga), u s-Sur Leons LĪDUMS, *Deputāts, Aizkraukles novada pašvaldības dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Aizkraukle),

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030:

(a) bħala membri:

— Is-Sa Mairita LŪSE, *Deputāte, Rīgas dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill tal-belt ta' Riga),

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj).

— Is-Sur Jānis ROZENBERGS, *Deputāts, Cēsu novada pašvaldības dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Cesis),

u

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sur Edgars IKSTENS, *Deputāts, Rīgas dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill tal-belt ta' Riga),

— Is-Sur Leons LĪDUMS, *Deputāts, Aizkraukles novada pašvaldības dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Aizkraukle).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BJERRE